

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Divorzju U Separazzjoni Legali > Greece

Divorzju u separazzjoni legali

 Greċja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Id-divorzju jeħtieġ sentenza tal-qorti li saret *res judicata* (l-Artikoli 1438 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili (Αστικός Κώδικας)).

Hemm żewġ tipi ta' proċedimenti għad-divorzju:

1. F'divorzju bonarju (*συναινετικό διαζύγιο*), il-konjuġi jifthemu li jħollu ż-żwieġ ta' bejniethom, permezz ta' ftehim bil-miktub iffirmat minnhom u mill-avukati tagħhom, jew mill-avukati tagħhom biss jekk l-avukati ingħataw is-setgħa speċifika li jaġixxu f'isimhom. F'dan il-każ il-koppja trid tkun ilha miżżewwġa għal inqas sitt xhur. Jekk ma jkunx hemm tfal minuri, iż-żwieġ jinħalla mingħajr l-intervent tal-qorti, jiġifieri l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi hawn qabel huwa biżżejjed. Madankollu, jekk ikun hemm tfal minuri, dal il-ftehim irid jiġi akkumpanjat minn ftehim miktub ieħor bejn il-konjuġi dwar il-kustodja tat-tfal u l-komunikazzjoni magħhom. Dawn il-ftehimiet kollha jiġu sottomessi lill-qorti kompetenti b'ġudikant uniku tal-ewwel istanza (*Μονομελής Πρωτοδικείο*), li jirratifika l-ftehimiet u jiddikjara l-ħall taż-żwieġ permezz tal-proċedura segwita f'każijiet mhux kontenzjużi.
2. F'divorzju kontestat (*διαζύγιο κατ' αντιδικία*), fuq raġunijiet li jistabbilixxu t-tkissir taż-żwieġ, wieħed mill-konjuġi jiftaħ kawża għall-ħall taż-żwieġ quddiem il-qorti tal-post tal-ewwel istanza b'ġudikant uniku, jew inkella ż-żewġ konjuġi jiftzu żewġ kawżi separati.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

F'divorzju kontestat ir-raġunijiet għal divorzju (l-Artikolu 1439 tal-Kodiċi Ċivili) huwa kif ġej:

1. Iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment, bi ħtija tal-konvenut jew taż-żewġ konjuġi, b'mod illi hemm raġuni tajba biex wieħed jaħseb illi r-relazzjoni matrimonjali hija intollerabbli għar-rikorrent. Hemm il-preżunzjoni ta' tkissir, li r-rikorrent jista' jopponi, f'każijiet ta' bigamija, adulterju, abbandun tar-rikorrent, attentat tal-konvenut fuq il-ħajja tar-rikorrent, jew vjolenza domestika imwettqa mill-konvenut fuq ir-rikorrent. Jekk il-konjuġi ilhom separati għal mill-inqas sentejn, hemm preżunzjoni inkofutabbli ta' tkissir taż-żwieġ, u d-divorzju jista' jintalab minkejja li t-tkissir kien ħtija tar-rikorrent.
2. Jekk wieħed mill-konjuġi jiġi ddikjarat nieqes u preżunt mejjet, il-konjuġi l-ieħor jista' jitlob għad-divorzju.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Meta ż-żwieġ jinħall bid-divorzju, il-konjuġi ma jibqgħux taħt l-obbligu li jgħixu flimkien u li jieħdu d-deċiżjonijiet flimkien. Il-konjuġi li jkunu ħadu l-kunjom tal-ieħor ġeneralment jerġgħu jmorru lura għal kunjomhom, sakemm ma jkunux jixtiequ jżommu kunjom il-konjuġi l-ieħor minħabba li jkunu kisbu reputazzjoni professjonali jew artistika b'dak il-kunjom. Ir-responsabbiltà tal-konjuġi għas-sodisfazzjon tal-obbligi reċiproċi tagħhom tasal fi tmiemha. Il-bigamija ma tibqax ta' impediment għaż-żwieġ. Matul iż-żwieġ, il-preskrizzjoni tiġi sospiża f'każ ta'

talbiet li jsiru minn konjuġi kontra l-ieħor; din is-sospensjoni issa tispiċċa. Id-divorzju ma jġibx fi tmiemha r-relazzjoni biż-żwieġ bejn il-qraba mil-linja diretta ta' konjuġi wieħed ma tal-ieħor.

3.2 il-qsim tal-proprietà tal-konjuġi

F'divorzju kull wieħed mill-konjuġi għandu dritt jirkupraw l-propjetà mobbli li hija tiegħu, jew li hija preżunta tiegħu anke jekk qed tintuża miż-żewġ konjuġi flimkien jew minn konjuġi wieħed minnhom, sakemm il-konjuġi l-ieħor ma jopponix din il-preżunzjoni; anke jekk dan l-oġġett jista' jiġi kkunsidrat neċessarju għall-konjuġi l-ieħor. Jekk konjuġi fil-pussess ta' oġġett jirrifjuta li jagħtih lura lil sidu, is-sid jista' jiftaħ kawża *in rem*, kawża għall-pussess, jew kawża li tinwoka l-liġi tal-obbligazzjonijiet. Wara l-ħall taż-żwieġ, konjuġi li huwa l-propjetarju tad-dar matrimonjali jista' jiftaħ kawża *in rem* jew kawża skont il-liġi tal-obbligazzjonijiet kontra l-konjuġi l-ieħor li qed jagħmel użu mid-dar. Is-sjeda konġunta tintemm bid-divorzju, u kull wieħed mill-konjuġi jirċievi dak li għandu dritt għalih skont ir-regoli dwar is-sjeda konġunta u t-tqassim tal-propjetà konġunta. Fejn parti mill-propjetà tiġi akkwistata minn wieħed mill-konjuġi matul iż-żwieġ, il-konjuġi l-ieħor għandu dritt jitlob sehemu fiha.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

Meta ż-żwieġ jinħall bid-divorzju, il-qorti tista' tistabbilixxi s-setgħa tal-ġenitur kif ġej:

- (a) tista' tagħti s-setgħa tal-ġenitur jew il-kustodja lil xi ħadd mill-ġenituri;
- (b) tista' tagħti s-setgħa tal-ġenitur jew il-kustodja liż-żewġ ġenituri flimkien;
- (c) tista' taqsam is-setgħa tal-ġenitur bejn iż-żewġ ġenituri; jew
- (d) tista' tagħti s-setgħa tal-ġenitur lil parti terza.

Il-ġenituri divorzjati jibqgħu bl-obbligu li jmantnu lit-tfal tagħhom li huma minuri u li ma għandhomx introjtu minn xi impjeg jew minn xi propjetà tagħhom stess, jew li għandhom introjtu li mhux biżżejjed għall-għajxien tagħhom. Dan l-obbligu jinqasam mill-ġenituri jew, f'każ ta' tilwim, mill-qorti.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Meta ż-żwieġ jinħall bid-divorzju, l-eks konjuġi li ma jistax imantni lilu nnifsu bl-introjtu jew propjetà tiegħu stess għandu dritt jitlob għall-manteniment mingħand il-konjuġi l-ieħor:

1. jekk meta tingħata s-sentenza ta' divorzju l-età jew l-istat ta' saħħa tal-konjuġi li jitlob għall-manteniment huma tali illi ma jistax jintalab isib xogħol jew ikompli jaħdem biex imantni lilu nnifsu;
2. jekk il-konjuġi li qed jitlob għall-manteniment għandu l-kustodja ta' wild minuri, u b'hekk ma jistax ikompli jaħdem;
3. jekk il-konjuġi li qed jagħmel it-talba ma jistax isib impjeg regolari xieraq, jew għandu bżonn taħriġ vokazzjonali; f'kull wieħed minn dawn il-każijiet id-dritt għall-manteniment huma limitat għal massimu ta' tliet snin minn meta' tingħata s-sentenza ta' divorzju; jew
4. f'kull każ ieħor fejn l-għoti tal-manteniment meta tingħata s-sentenza ta' divorzju huwa meħtieġ minħabba raġunijiet ta' ekwità.

Il-manteniment jista' jiġi miċħud jew limitat għal raġuni tajba, speċjalment jekk iż-żwieġ kien qasir, jew jekk il-konjuġi li jista' jkollu dritt għall-manteniment huwa ħati għad-divorzju jew volontarjament spiċċa fqir. Id-dritt għall-manteniment jintemm jekk il-persuna intitolata terġa' tiżżewweġ jew tikkoabita ma' persuna oħra. Id-dritt għall-manteniment ma jintemmx jekk imut il-konjuġi li għandu obbligu jħallsu. Madankollu jintemm jekk tmut il-persuna li għandha dritt tirċievi l-pagamenti, sakemm id-dritt mhux marbut ma' perjodu li għadda jew pagamenti li għadhom dovuti fi żmien il-mewt.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

L-annullament taż-żwieġ ifisser illi minħabba xi irregolarità żwieġ li għandu effett ġuridiku sfiż jiġi annullat b'sentenza tal-qorti u b'hekk jieqaf ikollu effett, ħlief illi t-tfal li jkunu twieldu fiż-żwieġ annullat jibqgħu jiġu meqjusa tfal li twieldu fiż-żwieġ. Ir-regoli dwar l-annullament ta' kull att annullabbli japplikaw ukoll għall-annullament ta' żwieġ null jew annullabbli (l-Artikoli 1372 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili).

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Żwieġ jista' jiġi annullat għar-raġuni illi wieħed mir-rekwiżiti pożittivi għaż-żwieġ ma ġiex sodisfatt, jew illi kien hemm impediment assolut, jew illi ż-żwieġ kien annullabbli minħabba żball jew theddid.

Rekwiżit pożittiv jingħad li huwa nieqes meta d-dikjarazzjonijiet tal-koppja ma jsirux personalment, jew huma kundizzjonali jew soġġetti għal limitu taż-żmien; jekk il-konjuġi huma minuri, u ż-żwieġ ma ġiex awtorizzat mill-qorti; jekk xi ħadd minnhom għandu tutur maħtur mill-qorti li ma tax il-kunsens għaż-żwieġ, u l-anqas il-qorti ma tat l-awtorizzazzjoni tagħha; jew jekk xi ħadd minnhom dakinhar taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ma kienx konxju ta' x'kien qiegħed jagħmel jew huma nieqes mill-fakultajiet tar-raġuni minħabba mard mentali. Hemm impediment assolut jekk il-konjuġi huma qraba fil-linja diretta axxendenti jew dixxendenti, mingħajr limitu ta' gradi, jew kollaterali, fir-rabà grad; jekk il-konjuġi huma qraba biż-żwieġ fil-linja diretta axxendenti jew dixxendenti, mingħajr limitu ta' gradi, jew kollaterali, fit-tielet grad; jew f'każ ta' bigamija jew adożzjoni.

In-nullità tintemm wara ż-żwieġ jekk il-konjuġi jagħtu l-kunsens għaż-żwieġ b'mod sfiż u ħieles; jekk il-minuri mingħajr awtorizzazzjoni sussegwentement jingħataw dik l-awtorizzazzjoni mill-qorti; jekk il-minuri mingħajr awtorizzazzjoni jagħlaq 18-il sena u jirrikonoxxi ż-żwieġ; jekk konjuġi li bil-liġi ma setgħax jiżżewweġ jikseb din il-kapaċità u jirrikonoxxi ż-żwieġ; jekk it-tutor, jew il-qorti, jew konjuġi li riċentement kiseb il-kapaċità għaż-żwieġ, jirrikonoxxu ż-żwieġ; jew jekk persuna li aġixxiet minħabba żball jew theddid tirrikonoxxi ż-żwieġ wara li jkun għadda l-iżball jew it-theddid. Iż-żwieġ ma jitqies li jkun seħħ jekk ma tkun saret l-ebda dikjarazzjoni quddiem is-sindku u x-xhieda, f'każ ta' żwieġ biċ-ċivil, jew, f'każ ta' żwieġ reliġjuż jekk iż-żwieġ ma ġiex iċċelebrat quddiem qassis tal-Knisja Ortodossa tal-Lvant jew quddiem ministru ta' denominazzjoni jew twemmin ieħor magħruf fil-Greċja. F'dak il-każ iż-żwieġ ma għandux effett ġuridiku, u tista' ssir kawża għal dikjarazzjoni ta' non-eżistenza minn kull min għandu interess ġuridiku fil-kwistjoni.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Fil-prinċipju, l-effetti taż-żwieġ jiġu annullati b'mod retroattiv. Dan japplika għar-relazzjonijiet personali, familjali u marbuta mal-propjetà bejn il-konjuġi. Għalhekk in-nullità taż-żwieġ tneħħi d-dritt tal-konjuġi li jirtu lil xulxin *ab intestato*, u dan iseħħ mill-bidu nett. Jsiru nulli wkoll it-tranżazzjonijiet ġuridiċi kollha bejn il-konjuġi u l-partijiet terzi li daħlu għalihom fil-kapaċità tagħhom ta' koppja miżżewwġa, jew fuq il-bażi tal-bżonnijiet tagħhom għall-ħajja bħala raġel u mara jew għal raġunijiet ta' ġestjoni tal-propjetà tal-konjuġi l-ieħor, madankollu skont il-*bona fede* tal-partijiet terzi li kellhom xi ftehim mal-koppja. Jekk fi żmien iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ il-konjuġi jew xi ħadd minnhom ma kienx jaf bin-nullità, il-nullità topera fir-rigward ta' dak il-konjuġi biss fil-futur; konjuġi li fi żmien iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ma kienx jaf bin-nullità għandu dritt għall-manteniment mill-konjuġi l-ieħor jekk dan tal-aħħar kien jaf bin-nullità mil-bidu nett, u dritt għall-manteniment mis-suċċessuri tal-konjuġi l-ieħor jekk dan tal-aħħar imut wara l-annullament taż-żwieġ, skont l-istess regoli li jirregolaw id-divorzju, li japplikaw *mutatis mutandi*. L-istess dritt għall-manteniment jitgawda wkoll minn konjuġi li safà mgjegħel jiżżewweġ b'theddid, jew kontra l-liġi, jew kontra l-morali aċċettata, jekk iż-żwieġ jiġi annullat jew jintemm bil-mewt tal-konjuġi l-ieħor (l-Artikolu 1383 tal-Kodiċi Ċivili).

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Le.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jitħarsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Il-qorti tal-ewwel istanza b'ġudikant uniku (l-Artikolu 17(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Κώδικας Πολιτικής Δικονομίας)) għandu ġurisdizzjoni biex iħoll iż-żwieġijiet bid-divorzju minħabba t-tkissir ikkawżat minn wieħed jew iż-żewġ konjuġi, jew għaliex wieħed mill-konjuġi huwa nieqes u preżunt mejet; biex jannulla żwieġ null jew li jista' jiġi annullat; biex jiddikjara illi ż-żwieġ ma jeżistix; u matul iż-żwieġ biex jiddeċiedi dwar ir-relazzjonijiet bejn il-konjuġi marbuta maż-żwieġ. Il-proċedura tal-qorti li tiġi segwita hija dik stabbilita għat-tilwim matrimonjali, li ġiet emendata mil-Liġi 4055/2012.

F'każ ta' divorzju bonarju il-qorti b'ġurisdizzjoni wkoll hija l-qorti tal-ewwel istanza b'ġudikant uniku, iżda f'dan il-każ il-proċedura segwita hija dik għall-każijiet mhux kontenzjużi. Il-qorti b'ġurisdizzjoni hija dik tal-post fejn il-konjuġi kellhom l-aħħar residenza konġunta tagħhom (l-Artikolu 30 tal-Kodiċi dwar il-Proċedura Ċivili); jew il-post fejn għandhom ir-residenza abitwali tagħhom, jekk wieħed minnhom għadu joqgħod hemm; jew il-post fejn huma abitwalment residenti l-konvenut (l-Artikolu 22 tal-Kodiċi); jew f'każ ta' applikazzjoni konġunta, il-post fejn huwa residenti abitwalment wieħed mill-konjuġi; jew il-post fejn ir-rikorrent huwa abitwalment residenti, jekk kien jgħix hemmhekk għal mill-inqas sena immedjatament qabel saret l-applikazzjoni, jew għal minimu ta' sitt xhur jekk huwa ċittadin Grieg jew it-tnejn huma ċittadini Griegi. Kull kontro talba tinstema' mill-istess qorti. Il-kawżi għall-manteniment jistgħu isiru flimkien ma' kawżi għad-divorzju, l-annullament jew rikonoxximent ta' żwieġ null, u jinstemgħu flimkien mill-qorti tal-ewwel istanza b'ġudikant uniku, skont il-proċedura għal kwistjonijiet matrimonjali u skont il-limitazzjonijiet imposti minn dik il-proċedura. Fl-aħħarnett, il-kawżi dwar min għandu s-setgħa tal-ġenitur u l-arranġamenti għall-aċċess jistgħu jinstemgħu wkoll flimkien ma' rikors u deċiżi mill-qorti tal-ewwel istanza b'ġudikant uniku skont il-proċedura speċjali stabbilita fl-Artikoli 681B et seq. tal-Kodiċi.

Ir-rikors jiġi ppreżentat mar-reġistru tal-qorti; ir-reġistratur jistabbilixxi data għas-smiġh u jdaħħal dik id-data fil-kopji tar-rikors. L-avukat tar-rikorrent imbagħad jitlob lill-bailiff tal-qorti biex jinnotifika kopja bid-data tas-smiġh u joħroġ ċittazzjoni għad-dehra fil-post u l-ħin indikata mill-qorti. Il-bailiff jinnotifika l-kopja tar-rikors fuq il-konvenut. Il-bailiff irid jinnotifika l-kopja tar-rikors fi żmien 60 jum jekk ir-rikorrent huma domiċiljat jew residenti l-Greċja, u fi żmien 90 jum jekk ir-rikorrent huma domiċiljat jew residenti barra l-pajjiż jew jekk l-indirizz tiegħu mhux magħruf. Jekk in-notifika trid issir barra l-pajjiż lil persuna b'indirizz magħruf, id-dispożizzjonijiet li jridu jiġu applikati, mutatis mutandis, għan-notifika tal-rikors promotorju tal-proċedimenti, huma dawk stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE, u b'mod aktar speċifiku fir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, jew il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965, fejn japplika, jew ir-regoli stabbiliti fi trattati bilaterali jew multilaterali.

Il-liġi sostantiva li tapplika għar-relazzjonijiet fuq propjetà personali tal-konjuġi, għad-divorzju u s-separazzjoni personali (l-Artikoli 14, 15 u 16 tal-Kodiċi Ċivili) hija kif ġejja, fl-ordni ta' preċedenza:

1. il-liġi tal-post tal-aħħar ċittadinanza komuni tagħhom matul iż-żwieġ, jekk wieħed mill-konjuġi għadu jżomm dik iċ-ċittadinanza;
2. il-liġi tal-post tal-aħħar residenza abitwali konġunta tagħhom matul iż-żwieġ; jew
3. il-liġi li magħha għandhom l-aktar rabta b'saħħitha.

Ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal (l-Artikoli 18 u 19 tal-Kodiċi Ċivili) huma regolati kif ġej, skont l-ordni ta' preċedenza:

a) il-liġi tal-post tal-aħħar ċittadinanza konġunta tagħhom;

b) il-liġi tal-post tal-aħħar residenza abitwali konġunta tagħhom; jew

c) il-liġi taċ-ċittadinanza tat-tifel; jekk it-tifel għandu kemm iċ-ċittadinanza Griega kif ukoll waħda barranija, tapplika l-liġi Griega, u jekk it-tifel għandu aktar minn ċittadinanza barranija waħda tapplika l-liġi tal-istat li għandu l-aktar rabtiet b'saħħithom mat-tifel.

Skont il-prinċipju tal-*lex fori*, il-liġi proċedurali applikabbli hija l-liġi proċedurali Griega, iżda din tista' tiġi megħluba mil-liġi tal-Unjoni Ewropea u minn trattati internazzjonali oħra skont l-Artikolu 28 tal-Kostituzzjoni. L-avukati li jirrapreżentaw lill-partijiet iridu jingħataw setgħa speċifika biex jaġixxu f'isem il-partijiet jew iridu jidru l-qorti flimkien magħhom. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ, iċ-ċertifikat tal-istatus ta' miżżewweġ u provi dokumentarji oħra jridu jiġu ppreżentati l-qorti matul il-kumpilazzjoni tal-provi. Ix-xhieda jiġu eżaminati u jsiru s-sottomissjonijiet quddiem il-qorti. F'każ ta' divorzju bonarju, il-partijiet iridu jiddikjaraw illi jixtiequ jħollu ż-żwieġ tagħhom permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minnhom it-tnejn jew mill-avukati tagħhom jew mit-tnejn, u jrid jiġi ppreżentat ukoll ftehim dwar l-arranġamenti għall-kustodja u l-aċċess tat-tfal tagħhom. Il-qorti tirratifika l-ftehim u tiddikjara l-hall taż-żwieġ. Id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet jiġu evalwati fid-diskrezzjoni tal-qorti. Il-qorti ma tismax lill-partijiet jixhdu taħt ġurament, u ma tismax ix-xhieda mit-tfal tal-koppja, iżda x-xhieda u l-esperti jridu jixhdu taħt ġurament. Il-qorti li tkun qed tisma' l-kawża ta' divorzju tipprova tirrikonċilja lill-partijiet. Il-fatt illi r-rikorrent ma jidhirx quddiem il-qorti ma jaffetwax is-sentenza tal-kawża. Jekk xi ħadd mill-partijiet imut waqt li s-sentenza tkun għadha miftuħa għal appell, il-kawża taqa'. Rikors għall-annullament taż-żwieġ jista' jitressaq ukoll mill-prosekutur pubbliku li jintalab jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu. Jekk imut xi ħadd mill-partijiet, il-proċedimenti jiġu sospiżi, u jistgħu jitkomplew mill-werrieta ta' dik il-parti. Jekk il-kawża għall-annullament taż-żwieġ jew għar-rikonoxximent tan-nullità ta' żwieġ tinfetaħ mill-prosekutur pubbliku, din isir kontra ż-żewġ partijiet, u jekk safrattant ikun miet xi ħadd minnjom, il-kawża ssir kontra l-werrieta tagħha.

12 Nista' ningħata għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Iva, taħt ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, l-għajnuna legali tingħata jekk jista' jintwera illi parti ma tistax tħallas l-ispejjeż tal-proċess mingħajr ma tippreġudika dawk il-mezzi meħtieġa għall-manteniment tagħha jew tal-familja tagħha, sakemm ma jinstabx illi l-kawża mhix manifestament ġustifikata jew fondata. Ir-rikorsi jridu jiġu ppreżentati lill-imħallef li quddiemu qed tinstema' l-kawża pendenti, jew l-imħallef li quddiemu għandha tinfetaħ; fil-każ ta' qorti tal-ewwel istanza b'aktar minn membru wieħed ir-rikors isir quddiem il-President tal-qorti, u fi kwistjonijiet mhux marbuta ma' proċess ir-rikors isir lill-qorti ċivili distrettwali (*ειρηνοδικείο*) tal-post ta' residenza tar-rikorrent (l-Artikoli 194 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fil-qosor ir-rikors għandu jiddeskrivi s-suġġett tal-proċedimenti, il-provi li jiġu ppreżentati waqt il-proċess, u l-provi li jikkonfermaw illi ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-għajnuna legali. Għandhom jiġu annessi numru ta' dokumenti ta' appoġġ:

1. ċertifikat maħruġ (mingħajr ħlas) mis-sindku jew chairman tal-kunsill tar-raħal tad-domiċilju jew residenza permanenti tar-rikorrent, li jindika l-impjeg tar-rikorrent, kif ukoll il-qagħda finanzjarja u familjari tiegħu;
2. ċertifikat maħruġ (mingħajr ħlas) mill-ispettur tat-taxxa tad-domiċilju jew residenza permanenti tar-rikorrent, li jindika illi fl-aħħar tliet snin ir-rikorrent issottometta dikjarazzjoni dwar it-taxxa fuq il-qligħ, jew dikjarazzjoni għal kull taxxa diretta oħra, u wara eżaminazzjoni tagħha d-dikjarazzjoni ġiet approvata; u

Il-qorti li tiddeċiedi dwar ir-rikors tista' ssejjaħ lill-konvenut mingħajr ħlas. Il-preżenza ta' avukati mhux meħtieġa. Jekk il-qorti ssib illi huwa probabbli illi l-kundizzjonijiet msemmija hawn fuq ġew sodisfatti, hija tagħti l-benefiċċju tal-għajnuna legali. Din il-proċedura għandha ssir separatament għal kull kawża. Hija tapplika għal dik il-kawża anke f'kull stadju fl-appell, u tkopri wkoll l-eżekuzzjoni tas-sentenza finali. Parti li d-dritt tagħha għall-għajnuna legali ġie rikonoxxut b'dan il-mod hija eżentata b'mod provviżorju mill-obbligu li tħallas l-ispejjeż tal-qorti u tal-proċedimenti in ġenerali, pereżempju it-tariffi tan-nutara u tal-bailiffs, l-ispejjeż tax-xhieda, u t-tariffi tal-esperti, l-avukati u rappreżentanti oħra, u mill-obbligu li jipprovdu garanziji għal dawn l-ispejjeż. L-eżenzjoni parzjali tista' tingħata wkoll għal parti mill-ispejjeż biss.

L-għajnuna legali ma taffetwax l-obbligu ta' ħlas tal-ispejjeż tal-parti rebbieħa. Fuq talba tar-rikorrent il-qorti tista, fid-deċiżjoni dwar l-għajnuna legali jew wara, taħtar avukat, nutar jew bailiff biex jassistih. Il-persuna maħtura għandha l-obbligu taċċetta l-istruzzjonijiet, u d-deċiżjoni nnifisha sservi ta' awtorizzazzjoni għall-att.

Il-benefiċċju tal-għajnuna legali jiġi fi tmiemu mal-mewt tal-persuna intitolata għalih, iżda atti li ma jistgħux jiġu diferiti jistgħu isiru wara skont l-istruzzjonijiet mogħtija minn qabel. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-għajnuna legali jista' jiċċaħħad jew jiġi limitat mill-qorti *ex officio*, jew fuq talba tal-prosekutur pubbliku, jekk jintwera illi l-kundizzjoni għal għoti ta' dan il-benefiċċju qatt ma kienu ġew sodisfatti, jew ma għadhomx japplikaw, jew inbiddu. Il-ħlas tal-ispejjeż huwa regolat mill-Artikoli 190 sa 193 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Għalhekk jekk is-sentenza tordna l-ħlas tal-ispejjeż tal-parti rebbieħa lill-persuna bl-għajnuna legali, il-boll, il-kopja għall-eżekuzzjoni u tariffi oħra jitħallsu skont il-liġi dwar il-ġbir tad-dħul pubbliku, filwaqt li l-ispejjeż li jridu

jingħataw tal-persuna bl-għajjnuna legali, tal-avukati jew rappreżentanti legali oħra tagħha jew uffiċċjali tal-qorti jridu jitħallsu lill-persuni konċernati, u jingħabru skont il-proċeduri għall-eżekuzzjoni. Bl-istess mod l-ispejjeż li jridu jitħallsu mill-persuna bl-għajjnuna legali jingħabru hekk kif jiġu fi tmiemhom il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajjnuna legali u dawn jiġu konfermati. Jekk il-partijiet kisbu l-għajjnuna legali permezz ta' dikjarazzjonijiet jew informazzjoni foloz, l-imħallef li jiddeċiedi li jiċħdilhom il-benefiċċju tal-għajjnuna legali iwahħalhom penali finanzjarja ta bejn EUR 100 u EUR 200, li tmur fil-Fond ta' Assigurazzjoni tal-Professjonisti Legali; dan ma jtemmx l-obbligu tagħhom li jħallsu s-somom li ġew eżentati minnhom, kif ukoll ma tiġix prekluzja l-possibiltà ta' prosekuzzjoni kriminali.

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Iva. Il-parti telliefa tista' tippreżenta appell, quddiem il-qorti tal-appell (*Εφετείο*), mis-sentenza ta' divorzju, jew annullament ta' żwieġ null jew annullabbli, jew ir-rikonoxximent tan-nullità ta' żwieġ, fi żmien 30 jum mid-data li fiha ġiet innotifikata s-sentenza jekk huwa domiċiljat jew abitwalment residenti fil-Greċja; jew fi żmien 60 jum jekk huwa domiċiljat jew abitwalment residenti barra l-pajjiż jew jekk ir-residenza tiegħi mhix magħrufa; u jekk is-sentenza ma ġietx innotifikata, fi żmien tliet snin mill-għotja tagħha. Jekk tmur il-parti li għandha dritt tappella, il-preskrizzjoni għall-appell tibda għaddejja mid-data li fiha tiġi nnotifikata s-sentenza fuq il-werrieta universali jew legatarji tagħha.

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, bħalissa fis-seħħ, jistabbilixxi l-prinċipju illi sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali. Kull min jixtieq li deċiżjoni ta' divorzju, separazzjoni personali jew annullament taż-żwieġ tiġi rikonoxxuta fil-Greċja jrid jitolb lill-qorti tal-ewwel istanza b'ġudikant uniku jew tal-post tar-residenza abitwali tal-persuna li ir-rigward tagħha tiġi eżegwita s-sentenza jew tal-post ta' eżekuzzjoni.

Tiġi ffissata data għas-smiġħ, u trid issir in-notifika tal-kopja tar-rikors fuq il-parti l-oħra flimkien mad-dokument li jiffissa d-data u ċitazzjoni biex tidher il-qorti għas-smiġħ. Il-qorti ma tistax tidħol fil-mertu tal-ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza. Hija tikkunsidra jekk ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni jmurx kontra l-ordni pubblika tagħha; jekk id-dokument li stitwixxa l-proċedimenti ma ġiex innotifikat lill-konvenut fi żmien suffiċjenti u b'mod li jħallih jirraġa għad-difiża tiegħu ħlief, jew jekk huwa ddeterminat li l-konvenut aċċetta s-sentenza inekwivokabilment; u jekk is-sentenza hija rrekonciljabbli ma' sentenza mogħtija fi proċedimenti bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li fih qiegħed jiġi mitlub r-rikonoxximent, jew fi Stat Membru ieħor jew fi Stat mhux membru tal-Unjoni Ewropea jekk is-sentenza tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn qed jintalab ir-rikonoxximent. Jekk il-qorti hija sodisfatta, tirrikonoxxi s-sentenza.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Il-qorti b'ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar sentenza Griega li tirrikonoxxi sentenza mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tal-UE, hija l-qorti tal-appell li tisma' l-appelli mis-sentenzi tal-qorti inferjuri rilevanti. Il-preskrizzjoni għall-appelli hija ta' xahar mid-data ta' notifika tas-sentenza, ħlief jekk il-parti li kontriha qed jintalab ir-rikonoxximent hija abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor li mhux dak fejn ingħata is-sentenza eżegwibbli, li f'dan il-każ il-preskrizzjoni għall-appell hija ta' xahrejn mid-data ta' notifika tas-sentenza. Din il-preskrizzjoni ma tistax tiġi estiża minħabba raġunijiet ta' distanza. Jekk il-parti li kontriha qed jintalab ir-rikonoxximent ma tidhirx il-qorti, il-qorti trid tissospendi l-proċedimenti sabiex jiġi aċċertat illi dik il-parti ġie innotifikata kif xieraq u fil-ħin, jew li ttieħdu l-passi kollha raġonevoli għal dan il-għan. Id-deċiżjoni tal-qorti tal-

appell tista' tiġi kkontestata fuq punti ta' liġi quddiem il-Qorti Suprema (Άρειος Πάγος).

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħixux f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Il-liġi sostantiva li tapplika għad-divorzju hija kif ġej, skont l-ordni ta' preċedenza:

1. il-liġi tal-aħħar ċittadinanza komuni tal-konjuġi, jekk wieħed minnhom għad għandu dik iċ-ċittadinanza;
2. il-liġi tal-post tal-aħħar residenza abitwali konġunta tagħhom matul iż-żwieġ; jew
3. il-liġi li magħha għandhom l-aktar rabta b'saħħitha.

Skont il-prinċipju tal-*lex fori*, il-liġi proċedurali applikabbli hija l-liġi proċedurali Griega, iżda din tista' tiġi meġhluha mil-liġi tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 28 tal-Kostituzzjoni Griega.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 16/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.